MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1592/2000/1

**Carmela Vella, Anthony Vella u Raphael Vella.**

**-vs-**

**Velga Bros Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fil-31 ta’ Lulju, 2000 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi l-esponenti huma azzjonisti fis-soċjeta’ ntimata u Raphael u Anthony aħwa Vella huma proprjetarji ta’ elf, mija u ħdax (1,111) sehem kull wieħed filwaqt li Carmela Vella hija proprjetarja ta’ ħames mija u sitta u ħamsin (556) sehem minn għaxart elef (10,000) sehem. L-azzjonisti l-oħra huma Saviour, Victoria, Vincent, Carmel,

Raymond u Joseph, ilkoll aħwa Vella, u bejniethom huma proprjetarji tal-kumplament ta’ l-ishma.

Illi skond dak li jinsab reġistrat fl-uffiċċju tar-Reġistratur tas-Soċjetajiet, id-diretturi tas-soċjeta’ ntimata huma Saviour, Victoria, Vincent, Carmel, Raymond u Joseph ilkoll aħwa Vella.

Illi s-soċjeta’ ntimata kienet proprjetarja tal-pompa tal-petrol Velga Bros. Petrol Station, Żabbar, u kienet topera n-negozju tagħha mill-istess fond. Tant hu hekk illi wieħed mill-għanijiet tal-kumpanija huwa:

“*To carry on the business of garage and service station proprietors and operators, to carry out the repairs, cleaning and the general care of motor vehicles of all kinds, and to buy and sell petrol, diesel, oil and petroleum products, motor vehicles spare parts and accessories.*”;

Illi permezz ta’ kuntratt ippubblikat nhar is-Sibt 20 ta’ Mejju, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, inbiegħet il-pompa tal-petrol għall-prezz komplessiv ta’ erba’ mija u ħamsa u tletin elf Lira Maltin (Lm435,000) (Dok. CV1);

Illi l-esponenti, bħala azzjonisti minoritarji, għalkemm talbu sabiex jingħataw informazzjoni dwar negozjati li kienu qegħdin isiru sabiex iseħħ il-bejgħ, dejjem ġew rifjutati li jingħataw l-informazzjoni mitluba;

Illi saħansitra rriżulta li b’seħħ mit-8 ta’ Mejju, 2000 ġie ppreżentat avviż fl-uffiċċju tar-Reġistru tas-Soċjetajiet li ġew appuntati bħala diretturi Joseph u Carmel aħwa Vella (Dok. CV2). Dan seħħ mingħajr ma għaddiet risoluzzjoni ordinarja u mingħajr ma ssejħet laqgħa ġenerali għat-tenur tal-klawsola numru 12 ta’ l-Istatut tas-soċjeta’;

Illi mal-bejgħ tal-pompa tal-petrol, is-soċjeta’ ntimata ssospendiet in-negozju u għalhekk illum m’għadx hemm iktar lok li tibqa’ teżisti;

Illi l-esponenti għandhom provi li mir-rikavat tal-prezz ta' bejgħ diġa' tqassmu flejjes fost l-azzjonisti maġġoritarji u d-diretturi, u dan bi preġudizzju għall-jeddijiet ta' l-esponenti;

Illi l-esponenti għandhom informazzjoni li dalwaqt ser tissejjaħ laqgħa ta' l-azzjonisti u fejn ser jiġi propost li tgħaddi risoluzzjoni li d-diretturi jirċievu, kull wieħed, somma flus bħala ħlas ta' kumpens għal servizz li allegatament irrendew lis-soċjeta' ntimata matul is-snin;

Dan meta d-diretturi kienu jipperċepixxu salarju kull xahar mingħand is-soċjeta' ntimata. Tant hu hekk illi mill-*accounts* ta' l-1997 jirriżulta li tħallset is-somma ta' sbatax-il elf, ħames mija u tlieta u ħamsin Lira Maltin (Lm17,553) lid-diretturi tas-soċjeta' ntimata bħala ħlas ta' salarji. Tali ħlas kien qiegħed isir lid-diretturi Victoria, Raymond, Saviour u Vincent aħwa Vella, li kienu d-diretturi li qegħdin jaħdmu fil-kumpanija. Id-diretturi l-oħra, Joseph u Carmel aħwa Vella, kienu rreżenjaw fl-1997 u f'dan iż-żmien ma kinux qegħdin jagħtu sehmhom fil-kumpanija. Kien hemm ukoll Salvu Vella, li llum huwa mejjet, u li wkoll ma kienx qiegħed jieħu salarju peress li għalkemm kien jokkupa l-kariga ta' direttur, ma kienx qiegħed jaħdem. *Inoltre*, id-diretturi kienu wkoll mingħajr ebda jedd jieħdu parti mill-qligħ mingħajr ma jagħtu rendikont ta' dan;

Illi skond klawsola numru 12 ta' l-istatut tas-soċjeta' ntimata, deċiżjonijiet bħal:

"*a) Approval of the Annual Balance Sheet and Profit and Loss Account and of the Directors' Report and of the Auditors' Report.*

*b) Declaration of dividends which, however, must in no case exceed the amount, if any, recommended by the Board of Directors.*

*c) Alterations, revocations and additions to the Memorandum and Articles of Association of the Company.*

*d) Increase or reduction of the authorised capital.*

*e) Appointment and removal of the Directors, and Chairman, and of the Auditors of the Company.*

*f) Fixing of the remuneration payable to the Directors and Auditors of the Company.*

*g) In general, decisions on all questions which in terms of this agreement are reserved to the General Meeting of the Company or which the Board of Directors may place before it: PROVIDED that no decision taken by the General Meeting shall invalidate any prior act of the Board of Directors which would have been valid if the decision had not been taken.*"

Jittieħdu permezz ta' risoluzzjoni meħuda f'laqgħa ordinarja u li tiġi addotta minn mhux inqas minn wieħed u ħamsin fil-mija (51%) ta' l-azzjonisti.

Illi għalhekk hemm il-ħtieġa li l-jeddijiet ta' l-esponenti bħala azzjonisti minoritarji fis-soċjeta' ntimata jiġu salvagwardjati, dan iktar u iktar meta b'sempliċi maġġoranza ta' wieħed u ħamsin fil-mija (51%) jista' jsir bdil fil-Memorandum and Articles of Association tas-soċjeta' ntimata;

Illi saħansitra f'April 2000 l-esponenti Carmela Vella ġiet imneħħija mill-kariga ta' *company secretary*, kif jirriżulta mill-avviż li ntbagħat lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet u li jġib id-data ta' l-14 ta' April, 2000 (Dok. CV3). Minflok inħatar Vincent Vella li huwa wkoll wieħed mid-diretturi tal-kumpanija. Saħansitra saru wkoll tentattivi mid-diretturi tal-kumpanija sabiex l-esponenti Carmela Vella tiġi rikoverata fi sptar tal-moħħ, meta kienu jafu li hija kienet f'sikkitha. Dan bl-iskop li jieħdu l-kontroll assolut tas-soċjeta' ntimata. Kien hemm ukoll inċidenti ta' vjolenza fejn ġiet użata l-forza kontra l-esponenti Carmela Vella u binha Raphael Vella;

Illi *inoltre* jirriżulta li sal-lum għadhom ma ġewx preżentati fl-uffiċċju tar-Reġistratur tas-Soċjetajiet, il-*financial accounts* għas-snin 1998 u 1999. Apparti dan, laqgħat

ġenerali ilhom is-snin ma jinżammu u l-esponenti ser isofru preġudizzju rrimedjabbli jekk id-diretturi ser jibqgħu jipperċepixxu salarju u jkollhom il-kontroll assolut tar-rikavat tal-bejgħ. Dan iktar u iktar meta ma teżisti l-ebda garanzija li d-diretturi u l-azzjonisti maġġoritarji huma f'pożizzjoni li personalment f'qagħda finanzjarja li jagħmlu tajjeb għad-danni li l-esponenti qegħdin isofru u li sejrin isofru jekk ikomplu bl-aġir illegali tagħhom.

Għaldaqstant, l-esponent jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess u għat-tenur ta' l-Artiklu 402(1) ta' l-Att dwar il-Kumpaniji (Att XXV ta' l-1995) hija tagħti dawk l-ordnijiet kollha li huma neċessarji sabiex jiġu salvagwardati l-interessi ta' l-esponenti, fosthom li tordna x-xoljiment tas-soċjeta' ntimata u tipprovdi għall-istralċ konsegwenzjali ta' l-istess.

Rat ir-risposta, ippreżentata fid-9 ta' Ottubru, 2000, li permezz tagħha s-soċjeta' konvenuta esponiet bir-rispett:

Illi preliminarjament ir-rikors għandu jiġi miċħud *stante* li ma jikkontjeni ebda raġuni legali, fattwali u / jew ġusta sabiex din l-Onorabbli Qorti tagħti ordni skond l-Artiklu 402 tal-Kapitlu 386.

Illi għal kull *buon fini* u b'sens ta' lealta' lejn din l-Onorabbli Qorti r-rikorrenti qegħdin jipprattikaw dak li jissejjaħ *forum shopping, stante* li ilhom jippreżentaw atti quddiem diversi Ġudikanti għal dawn l-aħħar xhur b'kull att jiġi miċħud:-

1. Mandat ta' Inibizzjoni mir-rikorrenti (Numru 1441/2000) sabiex ma tinbiegħx pompa tal-petrol – miċħud per Imħallef G. Caruana Demajo.

2. Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1633/2000 sabiex ma tinbiegħx l-istess pompa wara li l-ewwel mandat ġie miċħud – miċħud per Imħallef Gino Camilleri.

3. Mandat ta' Inibizzjoni Numru 2743/2000 sabiex ma ssirx laqgħa ġenerali tal-kumpanija – miċħud per Imħallef G. Valenzia.

4. Mandat ta' Inibizzjoni Numru 2745/2000 – sabiex ma ssirx laqgħa ġenerali tal-kumpanija – miċħud per Imħallef G. Valenzia.

Illi issa jmiss lil din l-Onorabbli Qorti kif preseduta tiddeċiedi għandhiex tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex ikun ġust u ekwu li tintervjenti *stante* li l-ilment tar-rikorrenti huwa bbażat sewwa (Artiklu 402(3)).

Illi mkien ma jidher fir-rikors li d-diretturi mexxew *ultra vires* il-kumpanija u/jew jeżistu xi raġunijiet gravi imma biss repetizzjoni tal-kliem "għandhom informazzjoni".

Illi meta l-esponenti riedu jagħmlu laqgħa ġenerali tal-kumpanija sabiex jinfurmaw lir-rikorrenti bl-andament tal-kumpanija kienu huma stess li ntavolaw proċeduri sabiex ma ssirx din il-laqgħa. Kif issa jistgħu jadixxu, din il-Qorti sabiex jieħdu rimedju għaliex għadha ma saritx laqgħa ġenerali tal-kumpanija, meta kienu huma li ppreżentaw proċeduri sabiex ma tinżammx il-laqgħa?!

Illi jekk il-laljanza tar-rikorrenti hi li Carmela Vella tneħħiet mill-kariga ta' segretarja, dan sar skond il-poteri mogħtija lid-diretturi skond l-Artiklu 138(5) tal-Kapitlu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi r-referenza tal-paga li kienu jipperċepixxu erba' diretturi fis-somma ta' sbatax-il elf Lira Maltin (Lm17,000) żgur jirrifletti s-serjeta' tad-diretturi li għal ġimgħa xogħol ta' erbatax-il siegħa kuljum ma' pompa tal-petrol, kienu biss jieħdu paga ta' erbat elef, mitejn u ħamsin Lira Maltin (Lm4,250) fis-sena! Dan aġir illegali?

Illi lanqas huwa minnu li l-uniku *asset* li kellha l-kumpanija kienet il-pompa tal-petrol, *stante* li l-kumpanija għandha bħala proprjetarja u/jew interess fis-segwenti:

i) Ħanut, numru 51, St. Helen Square, Birkirkara mikri lil terzi;

ii) Nofs indiviż ta' numru 204, Victor Street, Senglea;

iii) Pretensjoni ġudizzjarja kontra l-Enemalta għall-ħlas ta’ żieda li ma ngħatatx;

iv) Kawża għad-danni kontra Power Plan Limited pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta;

v) Kontestazzjoni ta’ ħlas tat-taxxi ta’ valur miżjud fuq il-bejgħ tal-pompa.

Illi m’hemm l-ebda ntenzjoni u/jew raġuni għaliex il-kumpanija għandha tiġi likwidata jew xolta mid-diretturi.

Illi *stante* li għall-ħames (Din il-Qorti *gia’* ċaħdet talba għall-urġenza) darbiet din l-Onorabbli Qorti ma sabet ebda raġunijiet *prima facie* għaliex għandha tilqa’ t-talbiet vessatorji tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti għandha bir-rispett tiċħad it-talba bl-ispejjeż.

Rat l-atti proċesswali kompriżi d-digriet a fol 689 tal-proċess li permezz tiegħu l-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pulliċino bħala amministratur proviżorju, u finalment il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Jannar, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Kif *gia’* ingħad fl-istess rikors promotur, l-atturi qed jipproponu din il-kawża *ai termini* ta’ l-Artiklu 402(1) tal-Kapitlu 386, u *cioe’* fejn minħabba dik li l-liġi ssejjaħ *oppressjoni* u *diskriminazzjoni* fil-konfront ta’ l-azzjonist li jipproponi l-kawża, l-istess azzjonist jista’ jitlob fost affarijiet oħra l-istralċ tas-soċjeta’ in kwistjoni. Dan għalkemm fir-rikors l-atturi semmew diversi affarijiet oħra fosthom per eżempju l-bejgħ tal-pompa tal-petrol li skond ir-rikorrenti kienet il-*main asset* ta’ l-istess kumpanija.

Is-soċjeta’ nnifisha, li hija ntimata f’dawn il-proċeduri, qed topponi għat-talba għar-raġuniet *gia’* msemmija. Fir-Renju Unit din l-azzjoni twieldet bħala eċċezzjoni għar-regola

fundamentali fil-famuz każ Foss vs Harbottle li loġikament fassal il-prinċipju li soċjeta' għandha tkun hi stess attriċi jew konvenuta fil-konfront ta' terzi f'kull vertenza ġudizzjarja. Maż-żmien pero' barra li ġiet żviluppata t-teorija ta' l-hekk imsejħa azzjoni derivattiva, żviluppa wkoll id-dritt ta' azzjonist minoritarju li jistitwixxi din l-azzjoni (*cioe'* dik odjerna) kontra l-istess soċjeta' f'ċerti ċirkostanzi u eventwalment il-leġislatur ipprovda għaliha, kif għamel in segwitu l-leġiżlatur tagħna.

L-Artiklu 401(1) jgħid in fatti li; "*Kull membru ta' kumpanija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jekk aktarx jitmexxew b'mod li, jew b'xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew x'aktarx ser ikunu oppressivi b'mod mhux ġust, diskriminatorji kontra jew b'mod mhux ġust u ta' preġudizzju għal membru jew membri b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membru in ġenerali, jista' jagħmel rikors lill-Qorti għal ordni taħt dan l-artiklu.*" Fost ir-rimedji elenkati taħt is-sub-inċiż (3) hemm ukoll l-istralċ tas-soċjeta'.

L-ilmenti prinċipali tar-rikorrenti huma ndikati fl-istess rikors – is-soċjeta' biegħet l-assi prinċipali tagħha mingħajr ma ġew infurmati; il-bidla tad-diretturi mingħajr ma ġie osservat l-istatut tas-soċjeta' u t-tqassim ta' assi tas-soċjeta' fost l-azzjonisti maġġoritarji bi preġudizzju għar-rikorenti. Barra minn hekk isostnu fir-rikors li għandhom informazzjoni li ser tissejjaħ laqgħa ta' l-azzjonisti biex jiġi propost ħlas ta' servizz allegatament *res* lill-azzjonisti maġġoritarji li skond ir-rikorrenti ser isir b'mod abbużiv. Barra minn hekk semmew it-tneħħija ta' Carmela Vella bħala azzjonista u l-fatt ukoll li l-*accounts* tas-soċjeta' ma ġewx preżentati lir-Reġistratur tas-soċjetajiet sa mill-1998.

Ir-rikorrenti aħwa Vella għandhom elf, mija u ħdax-il (1,111) sehem kull wieħed u ommhom, ir-rikorrenti Carmela Vella ħames mija u sitta u ħamsin (556) sehem minn total ta' għaxart elef (10,000) sehem skond ir-rikors, għalkemm l-ammont preċiż ta' l-ishma tar-rikorrenti ma ġiex preċiżat fil-ġbir tal-provi – madankollu jammontaw għal bejn wieħed u ieħor kwart tal-pakkett azzjonarju

kollu. Għalhekk bħalissa hemm kjarament disgwid bejn ir-rikorrenti li għandhom kwart ta’ l-azzjonijiet kontra l-kumplament li għandhom it-tliet kwarti – allura dawn ta’ l-aħħar qed jieħdu deċiżjonijiet li r-rikorrenti qed iħossu li jaqgħu taħt l-Artiklu 401.

Fost il-ħafna nuqqas ta’ qbil li hemm bejn il-partijiet jirriżultaw pero’ xi fatti nkontrastati. L-ewwel li l-assi prinċipali tas-soċjeta’ kienet mingħajr dubju l-pompa tal-petrol għalkemm is-soċjeta’ għandha wkoll xi proprjetajiet oħra. Madankollu l-valur ta’ dawn il-proprjetajiet ma huwiex tali li b’xi mod jassigura t-tkomplija tal-ġestjoni tal-kumpanija fuq il-bażi li kienet tikkummerċja bil-pompa tal-petrol. It-tieni li s-soċjeta’ ilha għal diversi snin ma tissottometti l-kontijiet tagħha skond il-liġi lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet. It-tielet, a fol 461 tal-proċess ġew esebiti l-minuti tal-laqgħa ġenerali straordinarja s-soċjeta’ ntimata li saret fit-23 ta’ Ġunju, 2001 fejn Raymond Vella ppropona u Joseph Vella ssekonda proposta li s-soċjeta’ tiġi likwidata u tiġi approvata skema ta’ distribuzzjoni. Din il-proposta ġiet approvata unanimament, anzi t-terminoloġija preċiża kienet; “*The motion to place the company under voluntary liquidation was carried unanimously as long as this is carried out under the Court’s supervision. The Directors are in agreement.*”

Id-diċitura ta’ l-Artiklu 401 tindika li l-azzjoni tista’ tkun ibbażata kemm fuq dak li ġara, kif ukoll għal dak li huwa probabbli li ser jiġri; li l-azzjoni jew l-omissjoni ser tkun kontra l-membru jew membri b’tali mod li ser tkun kontra l-interess tal-membri b’mod ġenerali – allura, fil-fehma tal-Qorti kontra l-interessi ta’ l-istess soċjeta’. Għandu jingħad li ma hemmx għalfejn l-azzjoni lamentata tkun illegali jew li tikser l-istatut tal-kumpanija għaliex għal dawn hemm rimedji oħra. Hawnhekk wieħed qiegħed fl-ambitu ta’ azzjonijiet tal-kumpanija (rappreżentata mill-maġġoranza ta’ l-ishma) li huma fi kliem il-liġi oppressivi, jiddiskriminaw kontra jew joħolqu preġudizzju mhux ġust fil-konfront ta’ l-azzjonisti minoritarji. Fuq dan il-punt, u *cioe’* li l-azzjoni tal-kumpanija ma hemmx għalfejn tkun irregolari jew illegali, il-manwal tal-Professur Andrew Muscat, **Principles of Maltese Company Law** jiċċita xi sentenzi tal-Qrati Ingliżi

f'paġna 971. Fir-rigward ta' l-*unfair prejudice* l-istess manwali jiċċita sentenza, (Ringtower Holdings plc) fejn intqal illi *the conduct must be both prejudicial ... and also unfairly so; so conduct may be unfair without being prejudicial or prejudicial without being unfair and in neither case could the section be applied.*" Il-manwal fl-istess parafrafu jgħid illi "*Conduct may be lawful but still unfairly prejudicial and therefore actionable.*" U iktar 'il quddiem "*In determining whether the conduct, act or omission is unfairly prejudicial or otherwise, various factors may have to be taken into account by the Court.*"

Il-Qorti wara li eżaminat il-provi jidhrilha li iktar ma s-soċjeta' ntimata ddum biex tiġi stralċjata, iktar ser isirilha ħsara, u allura iktar ħsara lil kull membru kompriżi r-rikorrenti. Da parti tagħhom l-azzjonisti l-*oħra* li għandhom bħalissa l-kontroll tal-maġġoranza tal-pakkett azzjonarju, jistgħu jibbenefikaw minn dan id-dewmien għaliex qed jistennew li jitħallsu tas-serviġi li taw u jista' jkun għadhom jagħtu lill-kumpanija; fir-rigward tal-passat jista' jkun li dan il-ħlas għandu jitħallas, iżda meta llum jirriżulta ċar li l-kumpanija mhux qed tinnegozja meta l-assi prinċipali nbiegħu (dan anke joħroġ mid-deposizzjoni ta' Victoria Vella, waħda mill-azzjonisti maġġoritarju u mill-istess deċiżjoni li ttieħdet fl-2001 li s-soċjeta' tiġi likwidata) ma hemmx lok li s-soċjeta' tkun addossata bi spejjeż inutili.

Għalhekk ukoll għalkemm ir-rikorrenti ma bbażawx l-azzjoni tagħhom fuq il-fatt li ladarba nbiegħet il-pompa s-soċjeta' ma tistax tiġġenera qlie għ u għalhekk qed jinħoloq preġudizzju serju – kif wieħed isib fil-manwal ta' Gower, **Principles of Modern Company Law, "***Where for example a company has sold its business or divested itself of its major assets, then even though the majority may wish the company in existence and invest the proceeds under some valid power to do so, a dissenting shareholder may be entitled to say; 'put an end to it, pay me my money'.*" Finalment in-nuqqas tal-preżentata tar-rapporti finanzjarji wkoll joħloq ħsara evidenti lis-soċjeta', li allura toħloq preġudizzju għar-rikorrenti.

**Għaldaqstant il-Qorti tirrespinġi l-oġġezzjonijiet tas-soċjeta' ntimata u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-istralċ tas-soċjeta' ntimata u tinnomina lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino, bħalissa amministratur proviżorju, bħala stralċjarju ta' l-istess soċjeta' bil-fakoltajiet kollha li tagħtih il-liġi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------